servizz pubbliku

# Charter ta' Servizz ta' Kwalità

Data meta magħmul: 14 ta' Marzu 2022
Data meta aġġornata: 26 ta' April 2024
Numru tal-Verżjoni: 2

Dipartiment responsabbli biex jaġġorna dan id-dokument: Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Direttorat għall-Koordinazzjoni u l-Implimentazzjoni

Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali,
Direttorat għall-Koordinament u l-Implimentazzjoni
186/187, Casa Depares, Triq L-Ifran, Il-Belt Valletta

SOCIAL SECURITY

International Relations Unit

# Werrej


1. Għan 2

2. Min Aħna u X'nagħmlu 2

3. Prinċipji Gwida 2

4. Klijenti Tat-Taqsima Tar-Relazzjonijiet Internazzjonali 3

5. Impenn Tas-Servizz 3

6. Kif Tista' Tikkuntattjana 4

7. Aħna Qegħdin Għad-Dispożizzjoni Tiegħek 5

8. Feedback u Lmenti 5

9. Impenn Għal Titjib Kontinwu 7

10.Appendiċi 1 9

## 1. GĦAN

Is-servizzi li nipprovdu huma msejsa fuq Charter ta' Servizz ta' Kwalità li jinforma lill-klijenti tagħna dwar il-livell ta' servizz li għandhom jistennew li jirċievu. Dan jirrifletti l-impenn tagħna, kif ukoll dak tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, għall-għoti ta' Servizz ta' Eċċellenza billi jħaddan il-Mudell ta' Kwalità tal-4 Pilastri li fuqhom huwa msejjes is-Servizz Pubbliku:

**Vuċi:** Nisimgħu lill-klijenti u ma niddejqux nisimgħu l-kritika għas-servizz li noffru u l-ideat li jkollhom kif intejbu s-servizz għalihom. Naraw l-ideat li l-klijenti jwasslulna u nsaħħu l-iskema ta' ideat li jiġu minn fost l-impjegati;

**Disinn:** Niffurmaw politiki u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti;

**Pakkett:** Servizz f'waqtu, ta' livell u faċli li jilħaq u jintlaħaq;

**Kontabilità:** Il-qofol ta' servizz onest u li jagħti garanzija ta' onestà. Kontabilità tfisser ukoll lealtà lejn il-klijent li jagħmel użu mis-servizz li nagħtu li tissarraf u tkun manifestata f'dawn l-istess prinċipji bażiċi li rridu nħaddmu.

## 2. MIN AĦNA U X'NAGĦMLU

### Il-Missjoni Tagħna

Hija li nkunu ta' servizz ta' valur għall-klijenti tagħna billi nikkordinaw regolamenti Ewropej u konvenzjonijiet internazzjonali tas-sigurtà soċjali b'mod effiċjenti u effettiv.

## 3. PRINĊIPJI GWIDA

L-operat kollu tagħna jimxi fuq u huwa kommess għall-5 Kriterji ta' Servizz ta' Kwalità:

**Affidabilità**: L-informazzjoni pprovduta minna hija waħda affidabbli u b'garanzija ta' eżattezza fil-ħin li din tkun ġiet ipprovduta. Inti għandek id-dritt li titlob li kwalunkwe informazzjoni mogħtija minna tiġi kkonfermata bil-miktub.

**Empatija:** Aħna impenjati li nipprovdu servizzi li huma mfassla għall-bżonnijiet tal-klijenti tagħna u offruti b'attenzjoni individwali. Aħna se nistinkaw biex nikkomunikaw b'lingwa li hija ħielsa minn lingwaġġ tekniku, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

**Assigurazzjoni:** L-istaff tagħna huwa infurmat u edukat. Aħna impenjati li nipprovdu servizz professjonali li l-klijenti jistgħu jafdaw.

**Reazzjoni:** Aħna nipprovdu s-servizzi tagħna fil-ħin u mingħajr dewmien bla bżonn. Aħna impenjati li nwieġbu għat-talbiet, problemi jew ilmenti tal-klijenti.

**Tanġibbli:** L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur fejn is-servizzi tagħna jistgħu jiġu mfittxija b'mod konvenjenti u sigur

## 4. KLIJENTI TAT-TAQSIMA TAR-RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

It-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali taġixxi bħala l-punt ta' referenza għal dawk kollha li jistgħu jeħtieġu appoġġ fit-trattament tal-għoti ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jaqgħu taħt ir-Regoli ta' Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-UE, il-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit u ftehimiet bilaterali li Malta għandha ma' pajjiżi oħra.

## 5. IMPENN TAS-SERVIZZ

Aħna niżguraw li nonoraw b'mod assolut, kull żmien li jieħu s-servizz u li jkun fil-kontroll tagħna. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi fuq dipartimenti jew entitajiet oħra, aħna kommessi li nikkuntattjawhom aħna stess sabiex inti tkun tista' tirċievi tweġiba finali fil-ħin.

| | |
|---|---|
| Komunikazzjoni: | Speċifika, dritt għall-punt u mingħajr termini tekniċi. Kull informazzjoni tkun mogħtija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.<br><br>Korrispondenza li nirċevuha bil-Malti nweġbuha bil-Malti, filwaqt li kull korrispondenza oħra tkun imwieġba bl-Ingliż. |
| Binjiet: | Aċċess sħiħ għan-nies ta' kull abilità u ċertifikazzjoni regolari tas-sigurtà tal-binjiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti. |
| Talba Għal Informazzjoni Permezz Tas-Sit Elettroniku/Imejl/Telefown/ Midja Soċjali / Posta / Posta Tradizzjonali: | Tweġiba finali fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. |
| Talba Għas-Servizz: | Għamel referenza għall-**Appendiċi 1** biex tara lista ta' servizzi. |
| Telefonati: | Fil-jiem tax-xogħol, jitwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefown. |
| Rikonoxximent Tal-Komunikazzjoni: | Fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għall-informazzjoni jew applikazzjoni għal servizz. Din tista' ma tingħatax kemm-il darba s-servizz jew informazzjoni jingħataw fl-istess żmien. |
| Appuntamenti: | Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu pprovduti fi żmien jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun sa 3 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.<br><br>Meta tattendi għall-appuntament mhu se jkollok l-ebda ħin ta' stennija. Se nirrispettaw il-ħin mogħti lilek.<br><br>Jekk tasal tard, nirriżervaw id-dritt li l-appuntament tiegħek jerġa' jiġi skedat għal ħin/data differenti. |
| Ħin Fil-Kju (Fejn Applikabbli): | Inti tkun milqugħ/a mal-wasla tiegħek u jiġi mistoqsi lilek dwar x'għandek bżonn biex tinqeda. Tittieħed imbagħad għand l-uffiċjal li se jaqdik. Il-ħin fil-kju jkun ta' madwar 10 sa 15-il minuta f'ċirkostanzi normali. |

| | |
|---|---|
| Informazzjoni Online: | L-informazzjoni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna ser tinżamm aġġornata. Jekk għandek aċċess għall-internet, tista' ssib informazzjoni rilevanti fuq is-sit web tagħna:<br>https://socialsecurity.gov.mt/mt/ |
| Metodi Ta' Pagament: | Il-benefiċjarji jitħallsu permezz ta' kreditu dirett permezz ta' kontijiet attivati bis-SEPA (Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro) jew permezz ta' servizzi bankarji bl-internet jew permezz tal-Ambaxxati Maltin skont il-pajjiż ta' residenza. |

Barra minn hekk, il-ħin li jieħu s-servizz (dan hu l-ħin li jittieħed biex tiġi pproċessata applikazzjoni), il-kriterji tal-eliġibilità, u r-rekwiżiti tal-applikazzjoni li huma deskritti f'Sezzjoni 10 ta' dan id-dokument, għandhom japplikaw.

## 6. KIF TISTA' TIKKUNTATTJANA

Ladarba applikazzjoni jew talba għal informazzjoni tkun magħmula magħna, aħna se nkunu responsabbli biex nevalwawha, insegwuha, filwaqt li nżommuk infurmat biex niżguraw li inti tirċievi tweġiba definittiva.

L-assistenza tagħna tista' takkwistaha permezz tal-mezzi sussegwenti, fil-ħin speċifikat:

A. L-uffiċċji tagħna:

- Malta

  Il-klijenti jistgħu jaċċessaw is-servizzi tagħna billi jżuru ċ-ċentru reġjonali rispettiv tas-servizz.gov madwar Malta.

- Għawdex

  Il-klijenti jistgħu wkoll ikollhom aċċess għas-servizzi tagħna billi jżuru l-Uffiċċju taż-Żona rispettiva f'Għawdex:

  L-Uffiċċju taż-Żona tar-Rabat
  Pjazza San Franġisk
  Ir-Rabat Għawdex - Malta
  VCT 1335

  L-Uffiċċju taż-Żona tan-Nadur
  Triq il-Knisja Parrokkjali
  In-Nadur

  Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok aċċessa l-ħolqa t'hawn taħt:

B. Ħinijiet tal-ftuħ

- Malta

  Xitwa 7.45 – 17.15
  Sajf 7.30 – 13.30

- Għawdex

  Ħinijiet tal-ftuħ:
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:
  8.00 – 14.00

  Ċentri tas-Servizz.gov f'Malta u Għawdex
  https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Servizz/Locations/default.aspx

  Dettalji ta' kuntatt ta' servizz.gov:
  Freephone: 153
  Email: servizz@gov.mt

C. Bit-telefown

- Malta fuq **153**

  Skont il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

  Klijenti barra minn Malta fuq
  +356 21 255 153

Skont il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

D. Imejl:
servizz@gov.mt

E. Minn fuq is-sit elettroniku tagħna:
https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Servizz/Locations/default.aspx/

https://socialsecurity.gov.mt/mt/

F. Apps tal-Mobile:
mysocialsecurity

## 7. AĦNA QEGĦDIN GĦAD-DISPOŻIZZJONI TIEGĦEK

Aħna impenjati sabiex ngħinukom tiksbu l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji marbuta mas-servizz relatat.

Aħna niżguraw li inti:

- Tagħtina informazzjoni f'waqtha, sħiħa u eżatta. Meta nirċievu applikazzjoni mhux kompluta, aħna ninfurmawk dwar dak li jkun hemm bżonn aktar u ngħinuk biex iġġib id-dokumenti rekwiżiti, u biex timliehom b'mod korrett;
- Tieħu l-ħin tiegħek biex taqra l-applikazzjoni b'attenzjoni biex tkun tista' tgħinna nagħtu servizz f'waqtu;
- Tipprovdilna feedback biex inkomplu ntejbu s-servizz tagħna. Is-servizz tagħna huwa pprovdut minn tim dedikat u professjonali. Dan ma jfissirx li ma naċċettawx kummenti mingħandek sabiex inkunu nistgħu ntejbu s-servizz tagħna. Tista' tagħmel dan billi tuża l-mezzi kif indikati f'Sezzjoni 8 hawn taħt;
- Tikkomunika magħna b'mod ċar u konċiż bil-Malti jew bl-Ingliż;
- Tittratta lill-istaff tagħna bil-korteżija u r-rispett li jixraqlu, kif hu obbligat jittratta lilek.

Fuq is-sit elettroniku tagħna għandek issib kull applikazzjoni li teħtieġ flimkien ma' listi ta' dokumenti li għandek bżonn għal kull applikazzjoni.

## 8. FEEDBACK U LMENTI

Aħna impenjati li noffru Servizz ta' Eċċellenza u nirsistu li nġibu fis-seħħ titjib kontinwu fis-servizz tagħna lilek. Aħna niggarantixxu l-anonimità tiegħek u li l-feedback tiegħek jgħinna ntejbu s-servizzi tagħna.

Jekk taħseb li ħadna xi żball u/jew li l-istaff tagħna ma ġabx ruħu sew, jew li ma takx biżżejjed ħsieb u attenzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattjana.

Feedback u lmenti jistgħu jintbagħtu kif ġej:

It-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Direttorat għall-Koordinazzjoni u l-Implimentazzjoni

- Personalment: 186/187, Casa Depares, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta
- Bit-telefown: 2590 3420
- Bil-Posta: 186/187, Casa Depares, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta
- Bl-imejl: iru.dss@gov.mt
- L-app Rate the Public Service tista' titniżżel permezz tad-direttorju tal-maltapps jew ibbażata fuq il-web https://publicservice.gov.mt/mt/rtps/Pages/Home.aspx

servizz.gov

- Online: billi taċċessa s-sit elettroniku ta' servizz.gov, u tikklikkja fuq 'Issottometti lment' hawn: https://servizz.gov.mt/en/pages/file-a-complaint/default.aspx
- Bit-telefown: 153

Meta tagħmel ilment:

- Ikkwota n-numru ta' referenza li tkun ingħatajt fir-rigward tat-tranżazzjoni li tkun qed tilmenta dwarha;
- Speċifika x'inhi l-problema/każ; u
- Ipprovdi informazzjoni addizzjonali li kapaċi tgħinna nsolvu l-ilment tiegħek.

Meta nindirizzaw l-ilmenti, aħna:

- Niggarantixxu l-kunfidenzjalità tiegħek;
- Nirreferu l-każ tiegħek lill-Customer Care Unit u nibagħtulek rikonoxximent tal-komunikazzjoni fi żmien jum tax-xogħol;
- Nipprovdulek numru ta' referenza partikolari sabiex tkun tista' tiċċekkja l-istatus tal-ilment tiegħek meta trid.

Bħala proċedura normali, kull rikonoxximent ta' komunikazzjoni jingħata lill-benefiċjarji fl-istess jum li tkun saret it-talba għal informazzjoni jew li tkun saret l-applikazzjoni għas-servizz.

- Inwettqu investigazzjoni fuq il-problema/każ u nikkonkluduha malajr kemm jista' jkun, imma sa mhux aktar tard minn
  - 5 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn nistgħu nikkonkludu l-każ aħna) jew
  - 10 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn irridu nakkwistaw feedback minn dipartimenti jew entitatjiet oħra)

  minn meta nkunu rċivejna l-ilment u l-informazzjoni rekwiżita kollha;
- Ninfurmawk bil-miktub dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tagħna fuq l-ilment tiegħek sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol mill-konklużjoni tal-investigazzjoni.

Wara li nkunu għalaqna l-proċess tal-ilment tiegħek, aħna nimpenjaw ruħna biex nieħdu kwalunkwe azzjoni rimedjali fejn applikabbli, kif ukoll azzjoni korrettiva fejn neċessarju biex int ma terġax tesperjenza l-istess sitwazzjoni jew waħda simili.

### DIRETTORAT DWAR KWALITÀ TAS-SERVIZZ FI ĦDAN IL-PEOPLE & STANDARDS DIVISION

F'ċirkostanzi fejn l-appoġġ mistenni ma jkunx ingħata mill-mezzi indikati hawn fuq, int tista' tibgħat rapport lid-Direttorat dwar Kwalità tas-Servizz fi ħdan il-People & Standards Division b'imejl fuq qualityofservice-opm@gov.mt.

## 9. IMPENN GĦAL TITJIB KONTINWU

Bl-għan ta' Servizz ta' Eċċellenza u titjib kontinwu f'moħħna, dan iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità se jiġi rivedut skont il-ħtieġa, u talanqas darba kull 12-il xahar biex ngħarblu l-prestazzjoni tagħna f'termini tal-istandards imwaqqfa f'dan iċ-Charter, kif ukoll f'dak li jirrigwardja l-mod ta' kif nilħqu l-aspettattivi tiegħek.

Dan il-proċess ta' reviżjoni se jkun ibbażat fuq:

- Politika tal-Gvern
- Data miġbura tal-operat (eż. servizzi offruti, servizzi mogħtija, eċċ.)
- Benchmarking
- Feedback
- Ilmenti
- Stħarriġ
- Assessjar tal-Kwalità tas-Servizz
- Eżerċizzji ta' Mystery Shopping

L-istandards tas-servizz ta' kwalità relattivi għas-servizzi pprovduti se jkunu mmonitorjati u mkejla. Ir-riżultati tar-reviżjoni interna u l-proċessi ta' monitoraġġ se jintużaw bħala bażi biex inkomplu ntejbu s-servizz.

# APPENDIĊI 1

# 10. APPENDIĊI 1

Aħna se niżguraw li ż-żmien li jieħu s-servizz, sakemm ikun fil-kontroll tagħna, se jiġi rrispettat. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi minn dipartimenti jew entitatjiet oħra, aħna kommessi li nsegwuh aħna stess sabiex inti tirċievi r-risposta finali fil-ħin.

| Servizz | Eliġibilità | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażla ta' Applikazzjonijiet | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|
| Valutazzjoni tal-Pensjoni tal-Irtirar u l-Ħlas tal-Benefiċċju Minn persuni li jgħixu fl-AU/NZ/CA | Ċittadini Maltin u barranin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • Applikazzjoni għall-Pensjoni tal-Irtirar.<br>• Formola ta' Kollegament li turi l-Perjodu ta' Residenza mill-AU u NZ (kif applikabbli).<br>• Formola ta' Kollegament li turi l-Kontribuzzjonijiet u/jew il-Perjodu ta' Residenza minn CA (kif applikabbli)<br>• Iċ-Ċertifikat tat-Twelid, taż-Żwieġ u tat-Twelid tal-Konjuġi jekk ma jkunx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti ta' divorzju/separazzjoni. | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (Skond il-ftehimiet bilaterali) | L-applikazzjonijiet jaslu mingħand istituzzjonijiet barranin u jiġu rikonoxxuti mill-IRU fi żmien jum (1) tax-xogħol minn meta jaslu.<br><br>L-applikazzjonijiet kollha mbagħad jiġu skrutinizzati u pproċessati fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol. Il-verifiki meħtieġa jintbagħtu lill-applikant/lill-istituzzjonijiet fl-istess perjodu ta' żmien. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra ta' Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Mal-wasla tal-informazzjoni kollha ta' verifika mingħand ir-rikorrent/istituzzjonijiet u partijiet terzi, l-applikazzjonijiet jitfasslu mill-assessur, jiġu approvati mill-kontrollur u ffinalizzati fi żmien għaxart ijiem (10) tax-xogħol. Ittra tal-għoti jew ta' |

[1] L-applikazzjonijiet għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali koperti minn ftehimiet bilaterali mal-AU/NZ/CA jiġu skambjati permezz ta' pjattaformi ta' skambju ta' data rispettivi.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • Evidenza dokumentarja uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra ta' ħatra/kuntratt, terminazzjoni, ittra ta' referenza, P3/FS3s, riċevuti tal-kontribuzzjonijiet/IT87)<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz. | | ċaħda tintbagħat mill-IRU lill-applikant f'dan il-perjodu ta' żmien. |
| Pensjoni tal-Irtirar minn Malta: Valutazzjoni u Ħlas ta' Benefiċċju<br>Minn persuni li jgħixu fl-UE/fir-Renju Unit | Ċittadini Maltin u barranin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • E202/P2000, E205/P5000 u E207/P4000<br>• Iċ-Ċertifikat tat-Twelid, taż-Żwieġ, u tat-Twelid tal-Konjuġi jekk ma jkunx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti ta' divorzju/separazzjoni.<br>• Evidenza dokumentarja uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra ta' ħatra/kuntratt, terminazzjoni, ittra ta' referenza, P3/FS3s, riċevuti tal-kontribuzzjonijiet/IT87)<br>• Dikjarazzjoni jekk ma tirċievi l-ebda pensjoni tas-servizz minn impjieg preċedenti.<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz. | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (skont ir-regolamenti tal-UE dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali/l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jew tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit). | Bħal hawn fuq.<br>. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Irtirar minn Malta:<br>Valutazzjoni u Ħlas ta' Benefiċċju<br>Minn persuni li jgħixu fi kwalunkwe pajjiż ieħor. | Ċittadini Maltin u barranin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • Applikazzjoni għall-Pensjoni tal-Irtirar.<br>• Ċertifikat tat-Twelid, Żwieġ u tat-Twelid tal-Konjuġi mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti tad-divorzju/separazzjoni.<br>• Evidenza dokumentata uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra ta' ħatra/kuntratt, terminazzjoni, ittra ta' referenza, P3/FS3s, Riċevuti ta' kontribuzzjoni/IT87)<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz. | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online (permezz ta' formola online li tista' timtela u sottomissjoni, b'dokumenti skennjati)<br><br>[https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Inklu_joni_-Ugwaljanza-u-_arsien-So_jali/Solidarjet_-So_jali/Benefi__ji-u-Servizzi/WEB641/default.aspx](https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Inklu_joni_-Ugwaljanza-u-_arsien-So_jali/Solidarjet_-So_jali/Benefi__ji-u-Servizzi/WEB641/default.aspx) | L-applikazzjonijiet jaslu minn residenti barranin u jiġu rikonoxxuti mill-IRU fi żmien (1) jum tax-xogħol minn meta jaslu. L-iproċessar ikompli bħal hawn fuq. |
| Pensjoni tal-Invalidità minn Malta:<br>Valutazzjoni u Ħlas ta' Benefiċċju<br>Minn persuni li jgħixu fl-AU/CA | Ċittadini Maltin u barranin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • Applikazzjoni għall-Pensjoni tal-Invalidità.<br>• Formola ta' Kollegament li turi l-Perjodu ta' Residenza mill-AU.<br>• Formola ta' Kollegament li turi Kontribuzzjonijiet u/jew perjodu ta' Residenza minn CA (kif applikabbli).<br>• Rapport tat-Trattament tat-Tabib (TDR) u formola tal-Kapaċità tax-Xogħol (WCI) mill-AU (kif applikabbli).<br>• Rapport Mediku minn CA (kif applikabbli). | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (skont il-ftehimiet bilaterali) | L-applikazzjonijiet jaslu minn istituzzjonijiet barranin rikonoxxuti mill-IRU fi żmien jum (1) tax-xogħol minn meta jaslu [2]<br><br>L-applikazzjonijiet kollha mbagħad jiġu eżaminati u pproċessati fi żmien ħmistax-il jum (15) tax-xogħol. Il-verifiki meħtieġa jintbagħtu lil min jagħmel it-talba/istituzzjonijiet fl-istess perjodu ta' żmien. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra, kif ukoll kollegament ma' istituzzjoni/jiet barranin għal rapporti mediċi. Ir-rapporti mediċi jaslu fil-lingwa oriġinali u jkunu jeħtieġu li jiġu tradotti. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • Ċertifikat ta' terminazzjoni ta' impjieg.<br>• Ċertifikat tat-Twelid, Żwieġ u tat-twelid tal-Konjuġi jekk mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti tad-divorzju/separazzjoni.<br>• Evidenza dokumentata uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra tal-ħatra/ittra ta' referenza tal-kuntratt, P3/FS3s, Riċevuti tal-kontribuzzjoni/IT87)<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz. | | Malli tasal l-informazzjoni kollha ta' verifika u tissodisfa b'suċċess il-kriterji ta' eliġibilità meħtieġa, fi żmien jumejn (2) tax-xogħol il-fajl tal-applikant jintbagħat lill-Bord Mediku (estern għall-IRU) għar-reviżjoni tal-applikazzjoni.<br><br>Malli tasal id-Deċiżjoni tal-Bord Mediku:<br><br>- L-applikanti ddikjarati kapaċi li jkomplu jaħdmu, se jirċievu ittra ta' rifjut mill-IRU fi żmien jum (1) tax-xogħol.<br>- L-applikanti ddikjarati inkapaċi għax-xogħol jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Bord Mediku fi żmien jum (1) tax-xogħol.<br>- L-IRU jagħmel it-talba lill-applikant biex jissottometti dokumentazzjoni ta' verifika personali fi żmien (1) jum tax-xogħol.<br>- Mal-wasla tal-informazzjoni kollha tal-verifika, fi żmien għaxart ijiem(10) tax-xogħol, l-applikazzjonijiet jiġu maħduma mill-assessur, approvati mill-kontrollur u finalizzati.<br>- Tintbagħat ittra tal-għoti lill-applikant fi żmien għaxart ijiem (10) tax-xogħol mis-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa wara l-valutazzjoni meħtieġa. |
| Pensjoni tal-Invalidità minn Malta: Valutazzjoni u Ħlas ta' Benefiċċju<br><br>Minn persuni li jgħixu fi Kwalunkwe pajjiż ieħor | Ċittadini Maltin u barranin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • Applikazzjoni għall-Pensjoni tal-Invalidità.<br>• Rapport Mediku Dettaljat.<br>• Ċertifikat ta' terminazzjoni ta' impjieg.<br>• Ċertifikat tat-Twelid, Żwieġ u tat-Twelid tal-Konjuġi jekk | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tas-sit web tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Inklu_joni_- | L-applikazzjonijiet jaslu minn residenti barranin u jiġu rikonoxxuti mill-IRU fi żmien (1) jum tax-xogħol minn meta jaslu.[4]<br><br>L-applikazzjonijiet kollha mbagħad jiġu eżaminati u pproċessati fi żmien ħmistax (15) jum tax-xogħol. Il-verifiki meħtieġa jinkludu riċerka interna minn |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti tad-divorzju/separazzjoni.<br>• Evidenza dokumentata uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra tal-ħatra/ittra ta' referenza tal-kuntratt, P3/FS3s, Riċevuti tal-kontribuzzjoni/IT87)<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz. | Ugwaljanza-u-_arsien-So_jali/Solidarjet_-So_jali/Benefi__ji-u-Servizzi/WEB638/default.aspx | unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Malli tasal l-informazzjoni kollha ta' verifika u tissodisfa b'suċċess il-kriterji ta' eliġibilità meħtieġa, fi żmien jumejn (2) tax-xogħol il-fajl tal-applikant jintbagħat lill-Bord Mediku (esternal għall-IRU) għar-reviżjoni tal-applikazzjoni.<br><br>Malli tasal id-Deċiżjoni tal-Bord Mediku:<br>- L-applikanti li huma ddikjarati bħala kapaċi li jkomplu jaħdmu mill-Bord Mediku, jirċievu ittra ta' rifjut mill-IRU fi żmien jum (1) tax-xogħol.<br>- L-applikanti ddikjarati inkapaċi għax-xogħol mill-Bord Mediku, huma notifikati mill-IRU fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol, biex jissottomettu dettalji personali u dokumentazzjoni ta' verifika personali.<br>- Mal-wasla tal-informazzjoni kollha tal-verifika, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, l-applikazzjonijiet jiġu maħduma mill-assessur, approvati mill-kontrollur u finalizzati. Tintbagħat ittra tal-għoti lill-applikant. |
| Pensjoni tar-Romol minn Malta: Valutazzjoni u Ħlas ta' Benefiċċju Minn persuni li jgħixu fl-AU/NZ/CA | Ċittadini Maltin u barranin li s-sieħeb legali tagħhom ħadem u kkontribwixxa fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • Applikazzjoni għall-Pensjoni tar-Romol.<br>• Formola ta' Kollegament li turi l-perjodu ta' residenza mill-AU u n-NZ ta' persuna mejta (kif applikabbli). | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba ftehimiet bilaterali) | L-applikazzjonijiet jaslu minn istituzzjonijiet barranin u jiġu rikonoxxuti mill-IRU fi żmien (1) jum tax-xogħol minn meta jaslu.[5]<br><br>L-applikazzjonijiet kollha mbagħad jiġu eżaminati u pproċessati fi żmien ħmistax (15) jum tax-xogħol. Il-verifiki meħtieġa jintbagħtu lil min jagħmel it- |

[5] Applikazzjonijiet għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali koperti mill-ftehimiet bilaterali mal-AU/NZ/CA jiġu skambjati permezz ta' pjattaforma għall-iskambju tad-data.

[6] Skont ir-Regolamenti tal-EU 883/2004, l-applikazzjonijiet kollha għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali minn Stati Membri oħra tal-UE/UK għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku permezz tas-sistema ċentrali *ta' Skambju* Elettroniku *ta' Informazzjoni dwar* is-*Sigurtà Soċjali* (EESSI) mill-istituzzjoni tar-residenza.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • Formola ta' Kollegament li turi kontribuzzjonijiet u/jew perjodu ta' residenza minn CA ta' persuna mejta (kif applikabbli).<br>• Ċertifikat tal-Mewt.<br>• Ċertifikat tat-Twelid, Żwieġ u tat-Twelid tal-Konjuġi jekk mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti tad-divorzju/separazzjoni.<br>• Prova dokumentata uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra ta' ħatra/kuntratt, terminazzjoni, ittra ta' referenza, P3/FS3s, Riċevuti ta' Kontribuzzjoni/IT87) ta' persuna mejta.<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz mill-impjieg preċedenti tal-konjuġi. | | talba/istituzzjonijiet fl-istess perjodu ta' żmien. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Malli tasal l-informazzjoni kollha tal-verifika mingħand min jagħmel it-talba/istituzzjonijiet, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, l-applikazzjonijiet jiġu maħduma mill-assessur, approvati mill-kontrollur u finalizzati. Tintbagħat ittra tal-għoti jew rifjut lill-applikant. |
| Pensjoni tar-Romol minn Malta: Valutazzjoni tal-Pensjoni tal-Irtirar u Ħlas ta' Benefiċċju | Ċittadini Maltin u barranin li s-sieħeb legali tagħhom ħadem u kkontribwixxa fl- | • E203/P2100, E205/P5000 (dec.pers) & E207/P4000 (dec.pers)<br>• Ċertifikat tal-Mewt. | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba r-regolamenti | L-applikazzjonijiet jaslu minn istituzzjonijiet barranin u jiġu rikonoxxuti mill-IRU fi żmien (1) jum tax-xogħol minn meta jaslu [6]. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Minn persuni li jgħixu fl-UE/fir-Renju Unit | iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija | • Ċertifikat tat-Twelid, Żwieġ u tat-Twelid tal-Konjuġi jekk mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.<br>• Dokumenti tad-divorzju/separazzjoni.<br>• Prova dokumentata uffiċjali ta' impjieg preċedenti miżmuma f'Malta (ittra ta' ħatra/kuntratt, terminazzjoni, ittra ta' referenza, P3/FS3s, Riċevuti ta' Kontribuzzjoni/IT87) ta' persuna mejta.<br>• Dikjarazzjoni jekk ma tkunx irċeviet xi Pensjoni ta' Servizz minn impjieg preċedenti tal-konjuġi.<br><br>Dokumentazzjoni li turi l-ammont oriġinali u d-data tal-għoti tal-Pensjoni tas-Servizz. | tal-UE dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali/l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jew tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit) | L-applikazzjonijiet kollha mbagħad jiġu eżaminati u pproċessati fi żmien ħmistax (15) jum tax-xogħol. Il-verifiki meħtieġa jintbagħtu lil min jagħmel it-talba/istituzzjonijiet fl-istess perjodu ta' żmien. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Malli tasal l-informazzjoni kollha tal-verifika mingħand min jagħmel it-talba/istituzzjonijiet, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, l-applikazzjonijiet jiġu maħduma mill-assessur, approvati mill-kontrollur u finalizzati. Tintbagħat ittra tal-għoti jew rifjut lill-applikant. |
| Reġistrazzjoni mal-Istat fir-Reġistru Uffiċjali ta' Malta ta' operaturi professjonisti u l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-konformità. | Individwi jew entitajiet involuti f'xi waħda mill-attivitajiet li ġejjin:<br>- jipproduċu, jinnegozjaw u jimportaw pjanti u prodotti tal-pjanti.<br>- jipproduċu jew iżommu kwalunkwe maħżen kollettiv jew ċentri ta' spedizzjoni. | L-applikazzjoni għandha tinkludi din l-informazjoni:<br>- Sistema ta' rekords disponibbli;<br>- Post għas-segregazzjoni tal-kunsinni;<br>- Żona xierqa għall-ispezzjoni preżenti fuq il-post.<br>- Lista tal-prodotti kkonċernati;<br><br>- Pjan ta' sit ġeoreferenzjat tal-post (jekk rilevanti); | Operaturi kummerċjali jistgħu jimlew l-applikazzjoni fuq:<br>[https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Ambjent_-Ener_ija_-Biedja-u-Sajd/Biedja/Ortikultura/WEB05265/dafualt.aspx](https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Ambjent_-Ener_ija_-Biedja-u-Sajd/Biedja/Ortikultura/WEB05265/dafualt.aspx)<br><br>L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi | Konferma ta' rċivuta tinħareġ immedjatament għal walk-ins jew fi żmien 24 siegħa għal applikazzjonijiet li jaslu bil-posta. Messaġġ awtomatiku jinħareġ għal sottomossonijiet bl-e-forms.<br>Appuntament ikun skedat fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għal assistenza biex timtela l-applikazzjoni.<br>Aplikazzjonijiet kompluti jiġu riveduti u vvalutati fi żmien 3 ijiem tax-xogħol u appuntament għal spezzjoni għandu jiġi skedat matul dan il-perjodu. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | - jittrattaw l-injam bi trattament bis-sħana skont ISPM15.<br><br>Irreferi għall-gwida: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/registrationMOR/userGuideRegistrationMaltaOfficialRegister.pdf<br><br>Irreferi għaċ-Checklist: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/registrationMOR/checklistRegistrationProfessionalOperatorsMOR.pdf | - Pjan dettaljat għas-segregazzjoni tal-kunsinna f'każ ta' suspett / infestazzjoni minn organiżmi ta' ħsara (jekk rilevanti).<br>Il-konformità ma' dawn il-kriterji tiġi vverifikata wkoll matul l-ispezzjoni fuq il-post, jekk applikabbli.<br>Iċ-Ċertifikat ta' Konformità MOR huwa validu għal sena mid-data tal-ħruġ. | personalment fl-uffiċċji ta' Ħal Lija jew bil-posta.<br>Talbiet għal assistenza dwar kif għandha timtela l-applikazzjoni jistgħu jsiru bit-telefown fuq 8007 2310/2292 6535 jew b'messaġġ SMS jew WhatsApp fuq 79008101 jew b'imejl fuq plantquarantine@gov.mt | Fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-ispezzjoni, il-klijent jirċievi rapport ta' spezzjoni u ċertifikat ta' konformità permezz ta' imejl.<br><br>F'każ ta' nuqqasijiet, il-klijenti jiġu mgħarrfa u jingħataw perjodu ta' konċessjoni biex jirrettifikaw u jkomplu l-proċess. Iċ-ċertifikat ta' konformità jintbagħat bil-posta lill-klijent fi żmien jum tax-xogħol mir-reġistrazzjoni. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Applikazzjoni għal Pensjoni tal-Irtirar minn AU/NZ/CA | Persuni residenti f'Malta li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet/għexu f'pajjiżi li magħhom Malta għandha ftehim bilaterali | • AU<br>- Formola ta' Applikazzjoni<br>- Dħul u Assi<br>- Annessi rispettivi kif mitlub mill-formola ta' applikazzjoni (sottomessa permezz ta' servizz.gov)<br><br>• NZ/CA<br>- Formola ta' Applikazzjoni<br>- Annessi rispettivi kif mitlub mill-formola ta' applikazzjoni (sottomessa permezz ta' servizz.gov)<br><br>AU/NZ/CA – Formola ta' Kollegament u E205 (jekk hemm) | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online (permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani minħabba ftehimiet bilaterali) | Rikonoxximent tal-applikazzjonijiet jintbagħat fi żmien (1) jum tax-xogħol minn meta jaslu (minn servizz.gov). L-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-IRU.<br><br>Mal-wasla tal-applikazzjoni, fi żmien għoxrin jum (20) tax-xogħol, l-applikazzjoni tiġi pproċessata aktar, u kkontrollata. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, l-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-istituzzjoni barranija u jintbagħat rikonoxximent lil min jagħmel it-talba. Dan il-proċess jinkludi l-kumpilazzjoni ta' formoli ta' kollegament rispettivi kif mitlub mill-istituzzjonijiet barranin. |
| Applikazzjoni għal Pensjoni tal-Invalidità mill-UE/Renju Unit | Persuni li joqogħdu f'Malta li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet/għexu f'pajjiżi oħra tal-UE/Renju Unit | • E204<br>• E207 (mimlija mill-aġenti ta' servizz.gov fuq il-pjattaforma tal-e-Forms)<br>E205 jekk ikun hemm, jekk mhux assigurat f'Malta tinħareġ E001 | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba r-regolamenti tal-UE dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali/l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jew tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit) | Rikonoxximent tal-applikazzjonijiet jintbagħat fi żmien jum (1) tax-xogħol minn meta jaslu (minn servizz.gov). L-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-IRU.<br><br>Fi żmien għaxart ijiem (10) tax-xogħol l-applikazzjoni tiġi pproċessata u mibgħuta lill-istituzzjoni barranija u tintbagħat rikonoxximent lir-Rikorrent. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Applikazzjoni għal Pensjoni tal-Invalidità mill-AU/CA | Persuni residenti f'Malta li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet/għe xu f'pajjiżi li magħhom Malta għandha ftehim bilaterali | • AU<br>- Formola ta' Applikazzjoni<br>- Dħul u Assi<br>- Annessi rispettivi kif mitlub mill-formola ta' applikazzjoni (sottomessa permezz ta' servizz.gov)<br>- Rapport Mediku (Mill-Bord Mediku)<br><br>• CA<br>- Formola ta' Applikazzjoni L-annessi rispettivi kif mitlub mill-formola ta' applikazzjoni (sottomessa permezz ta' servizz.gov)<br><br>• AU/CA – Formola ta' Kollegament u E205 (jekk hemm) | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba ftehimiet bilaterali) | Rikonoxximent tal-applikazzjonijiet jintbagħat fi żmien jum (1) tax-xogħol minn meta jaslu (minn servizz.gov). L-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-IRU.<br><br>Fi żmien jumejn (2) tax-xogħol, l-applikazzjonijiet jintbagħtu lill-Bord Mediku.<br><br>Mal-wasla tad-deċiżjoni tal-Bord Mediku, fi żmien għoxrin jum (20) tax-xogħol, l-applikazzjoni tiġi pproċessata aktar, u iċċekjata. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Jintbagħat rikonoxximent lill-klijent wara kollegament ma' istituzzjonijiet barranin li jieħu sa 10 ijiem tax-xogħol. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Applikazzjoni għal Pensjoni tar-Romol mill-UE/Renju Unit | Persuni li joqogħdu f'Malta li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet/għexu f'pajjiżi oħra tal-UE/Renju Unit | • E202<br>• E207 (mimlija mill-aġenti ta' servizz.gov fuq il-pjattaforma tal-e-Forms)<br>E205 jekk ikun hemm, jekk mhux assigurat f'Malta tinħareġ E001 (persuna mejta). | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba regolamenti tal-UE dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali/l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jew tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit) | Rikonoxximent tal-applikazzjonijiet jintbagħat fi żmien jum (1) tax-xogħol minn meta jaslu (minn servizz.gov). L-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-IRU.<br><br>Fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol l-applikazzjoni tiġi pproċessata u mibgħuta lill-Istituzzjoni Barranija u jintbagħat rikonoxximent lir-Rikorrent. |
| Applikazzjoni għall-Pensjoni tar-Romol mill-AU/NZ/CA | Persuni residenti f'Malta li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet/għexu f'pajjiżi li magħhom Malta għandha ftehim bilaterali | • AU<br>- Formola ta' Applikazzjoni<br>- Dħul u Assi<br>- Annessi rispettivi kif mitlub mill-formola ta' applikazzjoni (sottomessa permezz ta' servizz.gov)<br><br>• NZ/CA<br>- Formola ta' Applikazzjoni<br>- Annessi rispettivi kif mitlub mill-formola ta' applikazzjoni (sottomessa permezz ta' servizz.gov)<br><br>• AU/NZ/CA – Formola ta' Kollegament u E205 ta' Persuna Mejta (jekk hemm) | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online (permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba ftehimiet bilaterali) | RIkonoxximent tal-applikazzjonijiet jintbagħt fi żmien jum (1) tax-xogħol minn meta jaslu (minn servizz.gov). L-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-IRU.<br><br>Mal-wasla tal-applikazzjoni, fi żmien għoxrin jum (20) tax-xogħol, l-applikazzjoni tiġi pproċessata aktar, u kkontrollata. Dan jinvolvi riċerka interna minn unitajiet oħra tad-Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali, min iħaddem u partijiet interessati oħra.<br><br>Fi żmien għaxart ijiem (10) tax-xogħol, l-applikazzjoni mbagħad tintbagħat lill-istituzzjoni barranija u jintbagħat rikonoxximent lil min jagħmel it-talba. Dan il-proċess jinkludi l-kumpilazzjoni ta' formoli ta' kollegament rispettivi kif mitlub mill-istituzzjonijiet barranin. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Talba għal Intitolament biex tibqa' assigurat f'Malta (Formola A1) | Ħaddiema (lokali kif ukoll barranin) li permezz tal-attività tax-xogħol tagħhom se jkollhom konnessjoni ma' Malta u pajjiż ieħor jew aktar. | • Dokument ta' Identifikazzjoni (karta tal-identità/Passaport)<br>• Dettalji dwar l-Impjiegi (kemm lokalment kif ukoll barra)<br>Kwestjonarju ta' min iħaddem/jaħdem għal rasu (fejn meħtieġ) | Online (permezz tas-sit web https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Inklu_joni_-Ugwaljanza-u-_arsien-So_jali/Solidarjet_-So_jali/Benefi__ji-u-Servizzi/WEB635/default.aspx. | Malli tasal l-applikazzjoni, jintbagħat rikonoxximent awtomatiku mill-IRU permezz tas-sistema tal-e-Forms fi żmien jum (1) tax-xogħol.<br><br>L-applikazzjoni tiġi vverifikata mill-IRU u ċ-Ċertifikat A1 jinħareġ jew jiġi miċħud fi żmien jumejn (2) tax-xogħol. |
| Applikazzjoni għal Numru tas-Sigurtà Soċjali (għal Ċittadini Barranin) | Ċittadini barranin li għandhom jew offerta ta' xogħol minn min iħaddem ibbażat lokalment jew jinsabu fil-proċess li jibdew attività ta' self-employed f'Malta. | Skont in-nazzjonalità u l-istatus tal-applikant. | Bl-imejl | Min iħaddem jikkuntattja lill-IRU biex jitlob il-ħruġ ta' numri tas-sigurtà soċjali għal ċittadini barranin impjegati. L-IRU tirrikonoxxi li rċeviet it-talba fi żmien jum (1) tax-xogħol.<br><br>Id-dettalji tat-talba jiġu vverifikati, jinħarġu numri tas-sigurtà soċjali, u min iħaddem jiġi notifikat fi żmien jumejn (2) tax-xogħol. |
| Talba għal Ċertifikazzjoni ta' Perjodi ta' Assigurazzjoni f'Malta għal Għanijiet ta' Benefiċċju tal-Mard (Formola UE104/S041) | Ċittadini barranin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija.<br><br>Ċittadini Maltin li ħadmu u kkontribwew fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali Maltija li se jmorru joqogħdu f'pajjiż ieħor tal-UE. | • Dokument ta' Identifikazzjoni (karta tal-identità/Passaport)<br>• Dokumenti FS3 li jkopru l-perjodu kollu ta' impjieg f'Malta jew kopji tar-riċevuti tal-ħlasijiet tal-kontribuzzjoni, fil-każ ta' min jaħdem għal rasu | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Online permezz tal-istituzzjoni tal-pajjiż barrani (minħabba r-Regolamenti tal-UE dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali/l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jew tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit) | L-applikazzjoni tiġi rikonoxxuta mill-IRU fi żmien jum (1) tax-xogħol.<br><br>It-talba tiġi vverifikata u ċ-ċertifikat jinħareġ jew jiġi miċħud fi żmien jumejn (2) tax-xogħol. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Esportazzjoni tal-Benefiċċji tal-Qgħad minn Stat Membru tal-UE għal ieħor | Persuni bla xogħol li jirċievu benefiċċji Maltin li jagħżlu li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor Barranin qiegħda li jagħżlu li jiġu Malta. | • Dokument ta' Identifikazzjoni (karta tal-identità/Passaport)<br>• Dokument U2 (f'każ ta' trasferiment f'Malta)<br>• Evidenza tar-reġistrazzjoni ma' JobsPlus<br>• Data tat-tluq (f'każ ta' trasferiment barra) | Wiċċ imb wiċċ<br><br>Kuntatt permezz ta' Email Servizz .gov/Dipartiment Tas-Sigurta Soċjali u mibgħuta lill-IRU | Malli tasal it-talba U2 (inklużi d-dokumenti kollha meħtieġa) permezz ta' email mingħand il-klijent jew permezz ta' servizz.gov, l-IRU tinnotifika lill-istituzzjoni barranija u tinforma lill-klijent b'tali notifika fi żmien jumejn (2) tax-xogħol. |